

31995R1202

L 119/11

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

30.5.1995

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1202/95  
 tad-29 ta' Mejju 1995**

**li jemenda l-Annessi I u III tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u l-indikazzjonijiet li jirreferu għalihom fil-prodotti agrikoli u fl-oġġetti ta' l-ikel**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 ta' l-24 ta' Ġunju 1991 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u l-indikazzjonijiet li jirreferu għalihom fil-prodotti agrikoli u fl-oġġetti ta' l-ikel <sup>(1)</sup>, kif emendata l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1201/95 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Billi f'sitwazzjoniet fejn l-awtoritajiet pubbliċi jkollhom b'żonn l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni ta' pjanti sintetiċi mhux elenkati f'Parti B ta' l-Anness II minnħabba t-theddida serja għaż-żona totali tal-produzzjoni f'żona speċifika minnħabba xi mard jew insetti, il-prodotti ta' l-uċuħ hekk miksuba jistgħu ma jibqax ikollhom indikazzjoni li tirreferi għall-metodi ta' produzzjoni organika;

Billi, madankollu, minnħabba l-konformità mar-regoli l-oħra dwar il-produzzjoni fil-biedja organika, il-perjodu ta' konverżjoni li fit-tmiem tiegħu il-prodotti għas-suq li għandhom tali indikazzjoni li hi awtorizzata għandhom, f'ċertu ċirkostanzi, jiġu mnaqqsa;

Billi uċuħ ta' l-istess varjetà m'għandhomx jiġu mkabbra fuq unitajiet immexxija mill-istess bidwi kemm permezz ta' metodu ta' produzzjoni organika u b' metodu ta' produzzjoni konvenzjonali;

Billi għandha ssir dispożizzjoni għal eċċezzjoni għal din ir-regola f'każijiet fejn ċerti żoni taħt uċuħ perenni huma konvertiti gradwalment minn biedja konvenzjonali għal biedja organika;

Billi eċċezzjonijiet għal din ir-regola jistgħu wkoll jiġu aċċettati f'ċerti żoni użati għar-riċerka agrikola bl-iskop ta' l-iżvilup tal-biedja organika u miftiehma mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri;

Billi l-produzzjoni taż-żrieragħ, materjal ta' propagazzjoni veġettativa u trapjanti hija attività magħmula minn operaturi speċjalizzati li jippratikaw il-produzzjoni organika flimkien mal-produzzjoni ta' dawn il-prodotti b'metodu ta' produzzjoni konvenzjonali;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat riferut fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Punt 1 ta' l-Anness I u parti A ta' l-Anness III tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 huma b'dan emendati kif murija fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-15-il ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Mejju 1995.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 198, tat-22.7.1991, p.1.

<sup>(2)</sup> Ara paġna 9 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali

## L-ANNEX

Regolament (KEE) Nru 2092/91 huwa emendat kif ġej:

1. Is-subparagrafu segwenti huwa mdaħħal wara punt 1 tas-sezzjoni "Pjanti u prodotti tal-pjanti" ta' l-Anness I:

"B'mod partikolari, il-perjodu ta' konverżjoni jista jkun imnaqqas għall-aktar minimu strett minn Stat Membru f'sitwazzjonijiet fejn il-pakketti jkunu ġew ittrattati minn prodott mhux inkluż f'L-Anness II, parti B bħala parti minn skema ta' kontroll ta' pesti jew mard magħmul mandatorju mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru fit-territorju tiegħu jew f'ċerti partijiet tat-territorju fir-rigward ta' wiċċ speċifiku.

It-tnaqqis fil-perjodu ta' konverżjoni għandu jieħu in konsiderazzjoni l-punti kollha segwenti:

- il-pakketti kienu diġà kkonvertiti jew kienu għaddejnin minn konverżjoni għall-biedja organika,
- id-degradazzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanta kkonċernat għandu jirriżulta f'livell insinjifikanti ta' residwu fil-ħamrija u, fejn ta' l-aħħar huwa wiċċ perenni, fil-wiċċ,
- l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra tad-deċiżjoni rigward l-obbligu tat-trattament u anke l-livell tat-tnaqqis deċiż fil-perjodu ta' konverżjoni,
- prodotti tal-ħsad wara t-trattament ma jistgħux jinbiegħu b' indikazzjoni li tirreferi għal produzzjoni organika."

2. Punt 9 ta' Parti A ta' l-Anness III huwa mibdul b'dan li ġej:

"9. Fejn operatur imexxi diversi unitajiet ta' produzzjoni fl-istess medda li tipproduċi uċuħ jew prodotti mill-uċuħ mhux koperti bl-Artikolu 1 flimkien ma' postijiet ta' ħażna għall-prodotti li jiddaħħlu (bħalma huma fertilizzanti, prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti, żerriegħa) għandhom ikunu wkoll soġġetti għall-arranġamenti ta' spezzjonar fir-rigward ta' l-ewwel subparagrafu ta' punti 2 u l-punti 3 u 4. Uċuħ ta' l-istess varjetà bħal dawk prodotti fl-unità referuta f'punt 1 ma jistgħx jiġu prodotti f'dawn l-unitajiet.

Madankollu, produtturi jistgħu jidderogaw mir-regola rreferuta fl-aħħar sentenza tas-subparagrafu preċedenti:

- (a) fil-każ tal-produzzjoni ta' prodotti ta' uċuħ perenni (tkabbir ta' frott, dwieli u ħops) basta l-kondizzjonijiet segwenti jintlaħqu:
1. il-produzzjoni in kwistjoni tiffirma parti minn pjan ta' konverżjoni fir-rigward ta' liema l-produttur jagħti mpenn serju u li jipprovdi għall-bidu tal-konverżjoni ta' l-aħħar parti tal-medda kkonċernata għall-produzzjoni organika fl-iqsar żmien possibbli li m'għandhiex fl-ebda każ teċċedi l-massimu ta' ħames snin,
  2. miżuri xierqa ttieħdu sabiex jiżguraw is-separazzjoni permanenti tal-prodotti miksuba minn kull unità kkonċernata,
  3. il-korp spezzjonanti jew l-awtorità huwa nnotifikat bil-ħsad ta' kull prodott ikkonċernat mill-anqas 48 siegħa minn qabel,
  4. eżatt wara tmiem il-ħsad, il-produttur jinforma l-korp spezzjonanti jew awtorità bil-kwantitajiet eżatti maħsuda fl-unitajiet ikkonċernati flimkien ma' fattizzi partikolari distingwibbli (bħalma huma l-kwalità, il-kulur, il-piż medju eċċ) u jikkonferma li l-miżuri meħuda sabiex jisseparaw il-prodotti ġew applikati,
  5. il-pjan ta' konverżjoni u l-miżuri rreferuti f'punti 1 u 2 ġew approvati mill-korp spezzjonanti jew l-awtorità. Tali approvazzjoni għandha tiġi konfermata kull sena wara l-bidu tal-pjan ta' konverżjoni;
- (b) fil-każ ta' meded maħsuba għar-riċerka agrkola miftehma mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, basta l-kondizzjonijiet 2, 3 u 4 u l-parti rilevanti tal-kondizzjoni 5 li għaliha saret referenza f'(a) huma milħuqa;
- (ċ) fil-każ tal-produzzjoni taż-żerriegħa, materja ta' propagazzjoni veġetattiva u trapjanti, basta l-kondizzjonijiet 2, 3 u 4 u l-parti rilevanti f'kondizzjoni 5 li għalihom saret referenza f'(a) huma milħuqa."